# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis tnax (12) ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru 195/15 FDP**

**Endeavour Internet Business Solutions Limited**
**(C-20475)**

**vs**

**Bellatrix Online Limited**
**(C-45197)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Gunju 2015 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tiddikjara lis-socjeta konvenuta debitrici lejn is-socjeta rikorrenti fis-somma ta' Hdax-il elf, sitt mija u erbghin Euro (€11,640) rapprezentanti servizzi rezi mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta konvenuta u ghalhekk tikkundanna lill-istess socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma fuq indikata ta' Hdax-il elf, sitt mija u erbghin Euro (€11,640)

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz ta' l-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-

Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u l-Ghassa ta' San Pawl il-Bahar fid 9 ta' Ottubru 2015, kif ukoll saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit 13 ta' Ottubru 2015 u fil-gazzetta l-Orizzont fit 23 ta' Ottubru 2015.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2015 gieipprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta ta' llum 12 ta' Novembru 2015 is-socjeta konvenuta giet imsejjha izda ma deheritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess attur tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Hdax-il elf, sitt mija u erbghin Euro (€11,640) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Magistrat

**Graziella Attard – Dep. Reg.**